Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, Princess Holdings Limited (C72528) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, St Julian's, solicits you so that immediately you pay the amount of €2800 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 14 expired bills of exchange each of value €200, which bills of exchange were due on the 30th day of each month from April 2020 till June 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A5).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1242

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Lulju 2022, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2826/2021, fl-ismijiet GasanZammit Motors Limited vs Esther Grima, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Esther Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Esther Grima (KI 0493464M) ta' 203, Yanica, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Il-Mellieħa, fit-8 ta' Novembru, 2020, GasanZammit Motors Limited (C57642) ta' Gasan Centre, Mrieħel Bypass, L-Imrieħel:

1. Tagħmel referenza għall-ammont ta' €6,200 fuq għaxar kambjali minnek debitament aċċettati u indikati fid-dokument anness u mmarkat GZM 1 u liema ammont huwa skadut u mhux imħallas (kopja tal-kambjali hawn annessa u mmarkata bħala dokument GZM 2) oltre l-imgħax mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv; u

2. Tinterpellak sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika lilek tal-preżenti, tħallas is-somma ta' €6,200 rappreżentanti pendenzi fuq il-kambjali indikati oltre

By means of a decree on the 1st Julyt 2022, in the records of the judicial letter number 2826/2021, in the names GasanZammit Motors Limited vs Esther Grima the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Esther Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Esther Grima (ID 0493464M) of 203, Yanica, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, on the 8th November, 2020, GasanZammit Motors Limited (C57642) of Gasan Centre, Mrieħel Bypass, Mrieħel:

1. Makes reference to the amount of €6,200 on ten bills of exchange duly accepted by you and listed in the attached list as GZM1, and which amount is due and has not been paid (copies of these bills of exchange are herewith attached and marked as document GZM 2) together with interest from the date when the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effective payment; and

2. Solicits you so that within ten (10) days from the day you are notified with this present, you pay the sum of €6,200 repesenting the balance on the said bills of exchange besides

l-imgħax minnek dovut mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas, is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontrik ulterjorment, mingħajr ebda preavviż ieħor u bil-mezzi kollha permessi mil-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni.

Din l-intima qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u sabiex l-imsemmija kambjali jiġu reżi eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-preżenti, int qiegħda tiġi avżata a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt tiegħek li fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-preżenti, tramite rikors, topponu l-esekuzzjoni tal-kambjali hawn fuq imsemmija a bażi tal-fatt li l-firem fuq l-istess ma jappartjenux lilek jew lill-mandatarju tiegħek jew għal raġunijiet oħra gravi u validi sabiex topponu tali esekuzzjoni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the interest due by you from the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effetive payment.

In default the interpellant company will furtherly proceed against you, without further notice, and with all the means given by law including the issue of the opportune warrants.

This letter is being made for all the purposes and effects of law and to render the same bills of exchange an executive title in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of this present, you are informed, that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange above mentioned on the fact that the signatures on the same do not belong to your or those of your mandatory or for other grave and valid reasons to oppose such execution according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves

With costs, including this present, and with interest according to law till the date of effective payment

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1243

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 970/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Luigi Spartaro ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Luigi Spataro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' April, 2021

Lil Luigi Spataro (KI 167390A) ta' Midbay, Flat 6, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €584.40 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 4 skadenzi ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €146.10, liema kambjali mmaturaw

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 970/2021 in the names J Zammit Limited vs Luigi Spataro the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Luigi Spataro in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th April, 2021

To Luigi Spataro (ID 167390A) of Midbay, Flat 6, Triq il-Mazzola, St Paul's Bay

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €584.40 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 4 expired bills of exchange each of value €146.10, which bills of exchange

fil-ħmistax-il (15) gurnata ta' kull xahar minn Settembru 2019 sa Diċembru 2019 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A4).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħargu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

were due on the 15th day of each month from September 2019 till December, 2019 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A4).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1244

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ottubru, 2020, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1672/2020, fl-ismijiet Awtorità tal-Artijiet vs Jaroslaw Macij Lewandowski, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 19 ta' Awwissu, 2020

Lil Jaroslaw Macij Lewandowski (KI 0110615A) ta' Apt 131, St Angelo Mansions, Vittoriosa Marina, Il-Birgu

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Artijiet ta' Auberge De Baviere, Triq San Bastjan, Il-Belt Valletta, tagħmel riferenza għal:

Kirja tal-fond bl-indirizz Apt 131/Carspace 92, St Angelo Mansions, Vittoriosa Marina, Il-Birgu (Tenement numru 079139);

Somma ta' €3,026.48 rappreżentanti ta' kirja dovuta minnek lill-Awtorità għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju, 2018 sal-1 ta' Ġunju, 2020.

Għaldaqstant u in vista tas-su espost, inti qiegħed tiġi interpellat sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra tħallas l-ammont sopraċitat. Illi fin-nuqqas ta' dan, l-Awtorità mittenti mhux se jkollha għażla oħra ħlief li tieħu passi oħra sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha.

By means of a decree of the 27th October, 2020, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 1672/2020, in the names Lands Authority vs Jaroslaw Mcij Lewandowski, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 19th August, 2020

To Jaroslaw Macij Lewandowski (ID 0110615A) of Apt 131, St Angelo Mansions, Vittoriosa Marina, Birgu

By the present, the Lands Authority of Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, makes reference to:

The lease of the premises with address Apt 131/Carspace 92, St Angelo Mansions, Vittoriosa Marina, Birgu (Tenement number 079139);

The amount of €3,026.48 representing the rent due by you to the Authority for the period from the 1st June, 2018 til the 1st June, 2020.

Thus in view of the above, you are being solicited to immediately and in any event by not later than five (5) days from the date of this letter you pay the amount above mentioned. In default, the interpellant Authority will have no alternative but to take further action to saveguard its interests.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much of your own guidance and to regulate yourself

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1245

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Lulju, 2022, fuq rikors ta' Seabank Hotel and Catering Limited (C40319) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Żewġ garaxxijiet bin-numri interni ħamsa (5) u sitta (6) fit-tieni livell (upper basement) formanti parti minn korp ta' garaxxijiet 'basement' b'aċċess bħala dħul bil-karozza minn Triq il-Merluzz, u bħala ħruġ minn Triq it-Turisti fil-Qawra, San Pawl il-Baħar. L-użu ta' dawn iż-żewġ garaxxjiet inbidel billi ġew magħqudin ma' żewġ proprjetajiet immobbli oħra biswithom li qabel kienu wkoll garaxxjiet bin-numru sebgħa (7) u tmienja (8), li kienu ma' ġenb tal-garaxx numru sitta (6). Dan l-ispazju sotterran li qabel kien okkupat minn total ta' erba' garaxxjiet sar kċina u uffiċċju. Ukoll fl-ispazju fejn kien il-garaxx numru sitta (6) saru konnessjonijet vertikali mal-proprjetà sovrastanti li hi l-kafetterija 'Da Michele' li tinsab fi Triq il-Maskli kantuniera ma' Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar. Dawn il-konnessjonijiet jikkonsistu f'taraġ intern (garigor) u anke hoist (lift) li jtella' u jniżżel ikel u oġġetti relatati mal-kċina sottoposta għall-kafetterija. Il-fond li kien garaxx numru ħamsa (5) għandu bieb mill-common driveway tas-sotterran, b'aċċess in perpetwu u mhux interrott minn ġo drive in li tipprovdi aċċess, u liema garaxxijiet huma mingħajr l-arja u mingħajr is-sottoswol tagħhom, suġġetti u jgawdu s-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħhom, bid-dritt in perpetwu u mhux interott ta' użu u aċċess bil-vettura u bir-riġel tal-partijiet u servizzi komuni tal-garage complex u stmat li jiswa mija u ħamest elef ewro (€105,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Portelli Joseph Mary (KI 536861M) u Portelli Anna (KI 371660M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 9/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 11th July, 2022, on the application of Seabank Hotel and Catering Limited (C40319), Tuesday, 10th January, 2023, at half past ten in the morning (1.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Two garages internally numbered five (5) and six (6) on the second level (upper basement) forming part of a building of basement garages with car access entrance from Triq il-Merluzz and exit from Triq it-Turisti in Qawra, St Paul's Bay. The usage of these two garages was changed as garages were connected with another two immovable properties next to garage number six (6), previously also garages, numbered seven (7) and eight (8). This underground space which previously was occupied by a total of four garages changed to a kitchen and an office. Vertical connections were made in the space previously garage number six (6) with the overlying property; 'Da Michele' cafeteria, situated in Triq il-Maskli corner with Triq it-Turisti, St Paul's Bay. These connections consists of an internal staircase and also a hoist (lift) for uploading and unloading food and objects related to the kitchen underlying the cafeteria. The tenement which was garage number five (5) has a basement common driveway, with in perpetual and uninterrupted access from a drive in which provides access, and which garages are without airspace and without their sub terrain, subject and enjoys the servitudes resulting from their position, with the right of perpetual and uninterrupted use and with access with vehicle and on foot of the common areas and services of the garage complex and valued at one hundred and five thousand euro (€105,000).

The said tenement is the property of Portelli Joseph Mary (ID 536861M) and Portelli Anna (ID 371660M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 9/2020.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 15th July, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1246

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-17 ta' Settembru 2021, Rikors numru 1579/2021 minn Maria Rita Scerri fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmel Busuttil, hu id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn sitta (1/6) indiviża u favur Emanuel Agius, Lawrence Agius, Mary Grace Attard, Martin Agius, Nazzareno Agius u Maria Rita Scerri wlied il-mejta Gaetana Agius, din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn sitta u tletin (1/36) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur Antoinette Hollier, Carmen Attard, Marouska Micallef, Benedict Spiteri, Anthony Spiteri u Doris Attard ulied il-mejta Josephine Spiteri din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tnejn u erbghin (1/42) indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur Roberta Camilleri u Denise Barbara wlied il-mejta Rita Genovese bint il-mejta Josephine Spiteri din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn erba' u tmenin (1/84) indiviża kull waħda minnhom u favur Lawrence Busuttil, Mario Busuttil, Frankie Busuttil, Tessie Desira u Carol Busuttil ulied il-mejjet Lawrence Busuttil dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tletin (1/30) indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur Rita Borg bint il-mejjet Paul Busuttil dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż u favur Gaetana Aquilina bint il-mejjet Alfred Busuttil dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż is-suċċessjoni ta' Giuseppi Busuttil, ġuvni, bin il-mejtin Gaetano Busuttil u Karolina née Caruana, imwieled Paola, Malta, kien residenti l-Imsida, Malta, u miet Marsaskala, Malta, fit-3 ta' Mejju, 2020, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità numru 582537M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 17th September 2021, Application number 1579/2021 by Maria Rita Scerri whereby she requested that it will be declared open in favour of Carmel Busuttil, brother of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share; in favour of Emanuel Agius, Lawrence Agius, Mary Grace Attard, Martin Agius, Nazzareno Agius and Maria Rita Scerri children of the late Gaetana Agius, the latter sister of the decujus in the quota of one part of thirty six (1/36) undivided share each one of them; in favour of Antoinette Hollier, Carmen Attard, Marouska Micallef, Benedict Spiteri, Anthony Spiteri and Doris Attard children of the late Josephine Spiteri the latter sister of the decujus in the quota of one part of forty two (1/42) undivided share each one of them and in favour of Roberta Camilleri and Denise Barbara children of the late Rita Genovese daughter of the late Josephine Spiteri the latter sister of the decujus in the quota of one part of eighty four (1/84) undivided share each one of them and in favour of Lawrence Busuttil, Mario Busuttil, Frankie Busuttil, Tessie Desira and Carol Busuttil children of the late Lawrence Busuttil the latter brother of the decujus in the quota of one part of thirty (1/30) undivided share each one of them and in favour of Rita Borg daughter of the late Paul Busuttil the latter brother of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share and in favour of Gaetana Aquilina daughter of the late Alfred Busuttil the latter brother of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share the succession of Giuseppi Busuttil, bachelor, son of the late Gaetano Busuttil and Karolina née Caruana, born in Paola, Malta, resided in Msida, Malta, and died in Marsaskala, Malta, on the 3rd May, 2020, aged 82, and who held identity card number 582537M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1247

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2021, fuq talba ta' Carmelo sive Charles Delia et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tad-dirett dominju tal-appartment numru 4, blokk 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, fl-atti taċ-ċedoli numru 1825/2021 u 1826/2021 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1826/2021 ta' Carmelo sive Charles Delia, fil-kummerċ, bin Emmanuele u Assunta née Gatt, imwieled Tal-Pietà u residenti l-Qrendi (KI 366558M) u Carmen Delia, mara tad-dar, bint Carmelo Cardona u Dolores sive Lola née Cumbo imwielda Tal-Pietà u residenti l-Qrendi (KI 808257M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tad-dirett dominium tal-appartment numru 4, Blokk Numru 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2021, Carmelo sive Charles Delia (KI 366558M) u martu Carmen Delia (KI 808257M) esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Marzu, 1994, fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (kopja ta' liema kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) l-esponenti kienu akkwistaw mingħand Anthony u martu Anna Cowles 'il-flat internament immarkat bin-numru 4, formanti parti minn blokk ta' 6 flats, liema flat qiegħed fit-tielet sular (second floor, ċjoè jiġi fuq flat fil-livell tat-triq u flat ieħor fit-tieni sular) u liema flat qiegħed fuq in-naħa tal-lemin meta wieħed iħares lejn il-blokk mill-faċċata, l-istess blokk iġib in-numru 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla';

Illi skont l-istess kuntratt, dan l-appartament huwa suġġett għar-rata tiegħu ta' 5c ċens annwu u perpetwu minn ħaġa oħra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha;

Illi jingħad għal kull bon fini illi Anthony Cowles kien oriġinarjament akkwista dan l-appartament, waqt iż-żwieġ tiegħu ma' Anna Cowles, mingħand il-poter tal-Assi ereditarji tal-mejjet Markiż John Scicluna u l-eredi futuri tiegħu għan-nuda proprjetà u kif ukoll mingħand l-aħwa Scicluna, in solidum bejniethom, li kienu rappreżentanti fuq l-att relattiv minn Vincent Curmi u dan permezz tal-kuntratt datat 17 ta' Marzu, 1983, fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri, kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi dan l-appartament huwa indikat fuq l-anness site plan, immarkat bħala Dok. C;

Illi l-esponenti ma għandhom l-ebda informazzjoni dwar min huma s-sidien attwali tad-dirett dominium tal-appartment in kwistjoni;

By means of a decree given by this Court on the 5th October, 2021, following a request by Carmelo sive Charles Delia et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of the direct dominium of the appartment number 4, Block 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, in the acts of the schedule of deposit number 1825/2021 and 1826/2021 in the names Carmelo sive Charles Delia et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 1826/2021 in the names ta' Carmelo sive Charles Delia, in business, son of Emmanuele and Assunta née Gatt, born in Tal-Pietà and residing in Qrendi (ID 366558M) and Carmen Delia, house wife, daughter of Carmelo Cardona and Dolores sive Lola née Cumbo born in Tal-Pietà and residing in Qrendi (ID 808257M) vs Deputy Curators to represent the known owners of the direct dominium of the appartment number 4 , Block number 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla filed in the First Hall of the Civil Court on the 30th September, 2021, the applicants Carmelo sive Charles Delia (ID 366558M) and his wife Carmen Delia (ID 808257M) respectfully submitted:

That by means of a contract dated 29th March, 1994, in the records of Notary Anthony Abela (copy of which contract is here attached and marked as Doc. A) the applicants acquired from Anthony and his wife Anna Cowles 'the flat internally marked with number 4, forming part of a block of 6 flats, which flat is on the second floor (and that is flat at street level, and another on the first floor) and which flat is on the right hand side when looking at the block from the facade, the block bears the number 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla';

That according to the same contract, this appartment is subject to its rate of 5c annual and perpetual groundrent free and unencumbered, with all its rights and pertinences;

That it is said for all good purposes that Anthony Cowles had originally acquired this apartment, during his marriage to Anna Cowles, from the power of of the hereditary Assets of the late Marquis John Scicluna and his future heirs to the bare property as well as from the Scicluna siblings, in solidum between them, who were represented on the original deed by Vincent Curmi and this by means of a contract dated 17th March, 1983, in the acts of Notary Doctor Tonio Spiteri, copy of which is here attached and marked as Doc. B;

That this apartment is indicated on the attached site plan marked as Doc. C;

That the applicants have no information about who are the current owners of the direct dominium and the appartment in question;

Illi jingħad għal kull bon fini illi Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, kienet oriġinarjament imsemmija bħala Triq San Mikiel, Cospicua, u liema bdil tal-isem sar fis-sena 1987, skont kif jirriżulta mill-anness dokument, immarkat bħala Dok. D;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu hekk dovut;

Illi l-ammont ta' 5c ossija €0.12 kapitalizzat bir-rata ta' 5% tammonta għal Lm1 ossija €2.33.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw a favur tal-intimati s-somma ta' €2.33 prezz ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu, sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-istess intimati skont il-liġi wara li titħalla d-debita riċevuta u dan skont kull provvediment ieħor li jirregola l-fidi taċ-ċens.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1825/2021 ta' Carmelo sive Charles Delia, fil-kummerċ, bin Emmanuele u Assunta née Gatt, imwieled Tal-Pietà u residenti l-Qrendi (KI 366558M) u Carmen Delia, mara tad-dar, bint Carmelo Cardona u Dolores sive Lola née Cumbo imwielda Tal-Pietà u residenti l-Qrendi (KI 808257M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tad-direttdominium tal-appartment numru 4, Blokk Numru 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2021, Carmelo sive Charles Delia (KI 366558M) u martu Carmen Delia (KI 808257M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-appartament internament immarkat numru 4 ġewwa l-Blokk numru 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, liema appartament huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' 5c ossija €0.12;

Illi jingħad għal kull bon fini l-esponenti kienu akkwistaw dan l-appartament mingħand mingħand Anthony u martu Anna Cowles permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Marzu, 1994, fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, u li preċedentement l-istess Anthony Cowles, waqt iż-żwieġ tiegħu lil Anna Cowles kien akkwista dan l-istess appartament mingħand il-poter tal-assi ereditarji tal-mejjet Markiż John Scicluna u l-eredi futuri tiegħu għan-nuda proprjetà u kif ukoll mingħand l-aħwa Scicluna, flimkien u in solidum bejniethom, li kienu rappreżentati minn Vincent Curmi u dan permezz tal-kuntratt datat 17 ta' Marzu, 1983, fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri;

Illi l-esponenti ma għandhom l-ebda informazzjoni dwar min huma s-sidien attwali ta' din il-proprjetà;

That it is stated for all intents and purposes that Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, was originaly called as Triq San Mikiel, Cospicua and that the name was changed in 1987 according to the attached document, marked as Doc. D;

The applicants wish to avail themselves of the option that they have in terms of Article 1501 Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the same annual and perpetual groundrent due;

That the amount of 5c that is €0.12 capitalised with the rate of 5% amounts to Lm1 that is €2.33.

Thus the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the amount of €2.33 representing the redemption of the annual and perpetual groundrent so that they be freely given to the respondent according to law, after leaving the relative receipt and this according any provision that regulate the redemption of groundrent.

By means of a schedule of deposit number 1825/2021 in the names ta' Carmelo sive Charles Delia, in business, son of Emmanuele and Assunta née Gatt, born in Tal-Pietà and residing in Qrendi (ID 366558M) and Carmen Delia, house wife, daughter of Carmelo Cardona and Dolores sive Lola née Cumbo born in Tal-Pietà and residing in Qrendi (ID 808257M) vs Deputy Curators to represent the known owners of the direct dominium of the appartment number 4 , Block number 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, filed in the First Hall of the Civil Court on the 30th September, 2021, the applicants Carmelo sive Charles Delia (ID 366558M) and his wife Carmen Delia (ID 808257M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the appartment internally marked number 4 in the Block number 112, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, which appartment is subject to the annual and perpetual groundrent of 5c that is €0.12;

That it is said for all good purposes the applicants had acquired this apartment from Anthony and his wife Anna Cowles by means of a contract dated 29th March, 1994, in the records of Notary Anthony Abela, and that previously the same Anthony Cowles, at the time of his marriage to Anna Cowles he had acquired the same apartment from the power of the hereditary assets of the late Marquis John Scicluna and his future heirs to the bare property as well as from the Scicluna siblings, together and jointly and severally between them, who were represented by Vincent Curmi and this by means of a contract dated 17th March, 1983, in the records on Notary Tonio Spiteri;

That the applicants have no information as to who the current owners of this property are;

Illi l-esponenti għandhom jagħtu lill-intimati l-ammont ta' €0.60 ammont rappreżentanti ċ-ċens annwu u perpetwu dovut fuq il-proprjetà fuq indikata, sa mis-sena 2017 sas-sena 2021 u dan għalhekk għal dawn l-aħħar ħames (5) snin, skont il-provvediment relattivi tal-liġi.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kwalsijasi responsabbiltà qegħdin jaddixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €0.02 li flimkien ma' €0.58 spejjeż u drittijiet, jammontaw għas-somma ta' €0.60 sabiex din tiġi liberament rilaxxata mill-intimati wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 52, Dar il-Hena, Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta'Ottubru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

That the applicants must give to the respondents the amount of €0.60 representing the annual and perpetual groundrent due on the property above mentioned, from the year 2017 till the year 2021 and this therefore for the last five (5) years, according to the relative provision of the law.

Therefore, the applicants in order to exempt themselves from any responsability, are humbly calling upon this Honourable Court and under its Authority are depositing the amount of €0.02 that together with €0.58 costs and fees, which amounts to €0.60 so that they will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicants: 52, Dar il-Hena, Triq iż-Żurrieq, Qrendi

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 5th October, 2021

Registry of the Superior Courts, today 15th July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1248

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 852/2021AJD, li ġie ppreżentat fil-27 ta' Awwissu, 2021, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Agius Gordon et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u tlieta

By order given by the Civil Court, First Hall, on 26th October, 2021, in the acts of Sworn Application No. 852/2021AJD, which was filed on 27 August, 2021, in the names HSBC Bank Malta plc vs Agius Gordon et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the same defendants to pay to the plaintiff Bank the said sum of one hundred and twenty-three thousand, four hundred and

u għoxrin elf, erbaʼ mija u sebgħin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€123,470.97ċ), bl-imgħax ulterjuri taʼ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-28 taʼ Novembru, 2020, sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet taʼ Malta. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datat 30 taʼ Lulju, 2019, (ittra nru 2838/19) u tal-Mandat taʼ Sekwestru ppreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-27 taʼ Settembru, 2022, fl-10.25 a.m.

Notifika Intimat: Agius Gordon, 47, Immersion, Triq il-Gladjoli, Il-Madliena

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 taʼ Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

seventy euro and ninety-seven cents (€123,470.97c), with an additional interest of eight per cent (8%) per annum on the said sum from 28th November, 2020, until the date of effective payment, in terms of article 1142 of Cap. 16 of the Laws of Malta. With costs including those of the official letters dated 30th July, 2019 (letter no. 2838/19) and of the attachment warrant filed contextually in the same names, against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned for hearing on 27th September, 2022, at 10.25 a.m.

Notification Respondent: Agius Gordon, 47, Immersion, Triq il-Gladjoli, Madliena

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1249

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 taʼ Settembru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 485/2021AJD, li ġie ppreżentat fil-20 taʼ Mejju, 2021, fl-ismijiet Bonnici Anna vs Micallef Anton et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi taʼ notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Taħtar, jekk ikun hemm bżonn, Nutar Pubbliku biex jippubblika kwalunkwe att neċessarji u anċillari, u kif ukoll kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-intimati fʼkaż taʼ kontumaċja tagħhom. Bl-imgħax legali fuq kull ammont mogħti biex jitħallas, u bl-ispejjeż kontra l-intimati li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 taʼ Settembru, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Micallef Miriam, Blue Gardenia, Triq C. De Brockdorff, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 taʼ Lulju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Hall, on 30th September, 2021, in the acts of Sworn Application number 485/2021AJD, filed on 20th May, 2021, in the names Bonnici Anna vs Micallef Anton et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia Appoints, if necessary, a Notary Public to publish any necessary and ancillary acts, as well as deputy curators to represent the respondents in case of their default. With legal interest on any amount awarded to be paid and with costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned to 27th September, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Micallef Miriam, Blue Gardenia, Triq C. De Brockdorff, Gżira

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603